MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2410/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Trevor Axiak sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Trevor Axiak**

**vs**

**Silvio Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' disgha mija u disgha u tletin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm939.39) danni li gew kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Dicembru 2000 gewwa Paceville, San Giljan bejn vettura bin-numru KAN 995 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura TRV 114 misjuqa minn u propjeta ta' l-attur, liema vettura kienet assikurata taht

polza comprehensive mas-socjeta attrici, li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati, u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ta' l-atturi (fol. 6).

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza sehh f'Paceville. L-attur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru TRV 114, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru KAN 995.

2. Il-vetturi involuti f'dan l-incident kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin.

3. It-Tribunal huwa konvint li l-htija ghal dan l-incident hija unikament tal-konvenut li fil-hin ta' l-incident kien qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jiggustifika s-sewqan tieghu, u mill-provi rrizulta wkoll li huwa kien taht l-influwenza ta' l-alkohol (ara f'dan is-sens l-okkorrenza a fol. 19).

4. Dwar id-danni, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2003 l-avukat difensur tal-konvenut iddikjarat li m'hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont tad- danni li tieghu qieghed jintalab il-hlas.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha mija u disgha u tletin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm939.39), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------